**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 65/2018**
**Wara sentenza tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data datata 15 ta' Frar, 2018**

**Roberto Ragonesi**

**vs.**

**Il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell ta' Roberto Ragonesi minn decizjoni tat-Tribunal tal-Appell dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data datata 15 ta' Frar, 2018 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi:*

*Request A*

*It-talbiet 1, 2, 3, f'Request A tal-appellanti ma jirrigwardax la l-prezz u lanqas it-tip ta' kwantita' ta' oggetti suppliti u ghalhekk dan it-Tribunal jikkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju fir-rigward u jichad dan l-aggravju.*

*Rigward it-talba numru 4 Request A, ghall-kopja tal-audited account ta' UNEC ghal dawn l-ahhar tliet snin qabel ma ghalaq it-tender, dawn l-kopji ghandhom jinghataw lill-appellant minkejja li dawn huma accessibbli mir-Registru tal-Kumpanija.*
*l-istess dwar il-minimu credit facility din l-informazzjoni ghandha tinghata lill-appellanti.*

*Rigward talbiet 5,6 u 7 ta' Request A, jidher li din l-informazzjoni kienet tinstab ghand id-Direttur tal-Kuntratti u ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell tal-appellanti fir-rigward u jordna lill-Enemalta taghti l-informazzjoni mitluba anke jekk din tinstab skont hi ghand id-Direttur tal-kuntratti u jordna lill-Kummisarju jiehu passi kontra l-istess direttur talli naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu minn l-istess Kummissarju terminu moghti lilu.*

*Request B*

*Re domanda 1 – Din it-talba ghandha tigi milqugha u l-informazzjoni ghandha tinghata lill-appellanti.*

*Re domanda 2 – the product's and/or product/s specifications/quality data sheets offered by the chosen bidder and the description of logistics to be used for delivery in terms of Clause 2.2. (P 52 of tender documents) and Clauses 16.1 (B) (iii); Clause 16.1 (d) (ii); Clause 16.1. (e) (p.11 of tender documents).*

*F'dan ir-rigward dan it-Tribunal iqis li ghar-rigward the product's and/or product's specifications/quality date sheets offered by the chosen bidder ma hemm xejn li jipprekludi lill-Enemalta milli taghti tali informazzjoni u ghalhekk l-appellanti ghandu jinghata tali nformazzjoni izda mhux l-istess jista' jinghad ghal the description of logistics to be used for delivery . . stante li din tammonta ghall-informazzjoni kunfidenzjali.*

*Re domanda 3: the submitted "list of principal deliveries of sodium Bicarbonate effected furin the last 5 years "as per Clause 16.1 (d) (i) (p11 of tender documents) - tali talba ghandha tigi michuda.*

*Re domanda 4 – ghal dawn l-ahhar tliet snin qabel ma ghalaq it-tender, dawn l-kopji ghandhom jinghataw lill-appellanti minkejja li dawn huma accessibbli mir-Registru tal-Kumpanija.*

*Rigward l-minimum credit facility li ssottomettiet UNEC, it-Tribunal jiddeciedi li din l-informazzjoni ghandha tinghata lill-appellanti ghar-ragunijiet moghtija fir-rigward.*

*Rigward domandi 5 u 6 – tali nformazjzoi tista' tigi provduta mid-direttur tal-Kuntratti izda kif jirrimarka l-Kummissarju a fol.13 tar-risposta*

*tieghu, d-dipartiment baqa' ma ghamel xejn fir-rigward tfit-terminu impost lilu skont il-ligi. Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell tal-appellanti f'dan ir-rigward u jordna lid-Direttur tal-Kuntratti jaghti l-informazzjomi rikjesta fid-domandi 5 u 6 u fin-nuqqas il-Kummissarju ghandu jiehu l-passi li taghtih il-ligi kontra l-istess Direttur tal-Kuntratti.*

*Jichad request C.*

*Jilqa' request D izda minghajr informazzjoni dwar technical specifications.'*

2. Illi din id-decizjoni appellata ssegwi appell tal-appellant odjern Roberto Ragonesi quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data minn decizjoni tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data datata 29 ta' Jannar, 2014 esebita fl-atti annessi tat-Tribunal. Din id-decizjoni kienet tichad it-talbiet tieghu sabiex l-Enemalta tipprovdilu numru ta' dokumenti li jinsabu elenkati fl-istess decizjoni u maqsuma f'erba' talbiet A, B, C u D. Konsegwenti ghad-decizjoni tal-Kummissarju, Roberto Ragonesi ssottometta appell quddiem it-Tribunal u talab illi:

*'Tribunal quash the decision of the Commissioner dated 29th January, 2014 and, instead, order that the requested documents be provided by the Enemalta Corporation.'*

Il-Kummissarju appellat fir-risposta tieghu datata 27 ta' Mejju, 2015 talab li l-appell jigi rifjutat u d-decizjoni tieghu tad-29 ta' Jannar, 2014 tigi konfermata.

Illi kif jirrizulta mid-decizjoni tat-Tribunal parti mill-appell tal-appellant Roberto Ragonesi gie milqugh filwaqt li parti minnu gie michud. Rizultat ta' hekk illum, quddiem din il-Qorti, gie ntavolat dan l-appell minn Roberto Ragonesi li qed jitlob li dik il-parti fejn ma ntlaqawx it-talbiet tieghu ghall-informazzjoni tigi revokata u l-Qorti tordna li l-Enemalta plc. tigi ordnata tipprovdi d-dokumentazjoni mitluba u l-appell tal-Enemalta plc. li qed titlob li dik il-parti tad-decizjoni li tordnalha tipprovdi d-dokumenti tigi revokata, liema appell igib in-numru 60/18 (li qed jigi deciz llum stess).

Rat l-appell odjern intavolat minn Roberto Ragonesi, rat ir-risposta tal-appellati, rat l-appell bin-numru 60/18 tal-Enemalta plc. mill-istess decizjoni u r-risposta tal-appellati. Hadet konjizzjoni tal-atti kollha fil-process quddiem it-Tribunal u fil-processi rispettivi tal-appelli.

3. Illi t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu wara li kkunsidra kif isegwi:

*'Ra l-appell tal-appellanti Roberto Ragonesi mid-deczijoni tal-Kummissarju appellat tad-29 ta' Jannar 2014 li permezz taghha l-*

*Kummissarju cahad l-erba' talbiet li ghamel l-appellanti dwar l-ghoti ta' kuntratti pubblici mill-Enemalta.*

*It-talbiet li ghamel l-appellanti lill-Enemalta kienu dwar is-segwenti tenders:*

*a. GN/DPS/4003/PC3/2011 – Period Contract for Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – closing date 04.08.2011 (which was finally awarded to United Equipment Company Limited – UNEC after process entered a negotiated procedure).*

*b. GN/DPS/4003/PC3/2011 – Negotiated Procedure for the supply and Delivery of sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – Closing date 22 December 2011.*

*c. GN/DPST/4003/PC3/2011 – Periods Contract for Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – Closing date 04.08.2011*

*d. GN/DPST/4003/PC3/2011 – Negotiated Procedure for the supply and Delivery of Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – Closing date 22 December 2011.*

*Tali talbiet gew rifjutati mill-Enemalta u sussegwentement mill-Kummissarju appellat. L-appellanti jikkontendi fl-appell tieghu li l-artikolu 32 tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu ibbazat d-decizjoni tieghu l-Kummissarju appellant ghandha tigi interpretata risttrettivament u li ghandu jigi pruvat li verament d-dokument rikjest huwa dokument 'exempt' skont l-istess artiklu u li jekk tali dokumenti jinkludi 'trade secrets' dan id-dokument ghandu jkun ghad-disposizzjoni ta' dan it-Tribunal biex jivverifika jekk tassew dan hu l-kaz. Li tali l-Public*

*procurement regulations ma ghandhomx jintuzaw sabiex johonqu l-Kap. 496 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Dwar it-talba ghall-accounst ta' UNEC, l-appellanti jissottometti li huwa ma talabx l-audited accounts tal-kumpanija izda talab jekk UNEC prezentat l-financial statement mat-tender u jekk dawn kienux auditied jew f'forma ta' management accounts.*

*Dwar it-talbiet tieghu msemmija f'punt 2.3 tal-appell tieghu, jidher li din giet sorvolata stante li d-dipartiment tal-kuntratti qed jiehu passi dwar u li kieku dawn gew provduti mill-Enemalta l-haga kienet tieqaf hawn rigward dawn id-dokumenti.*

*Re 2.4 cioe Details of negotiations between the Contracting authority and winning bidder, l-appellanti jikkontendi li hemm kontradizzjoni fl-ittra tal-Enemalta tat-12 ta' Lulju 2013 fejn jinghad li:*

*' . . . in effect no negotiations were conducted and the signed contract faithfully reflects the tender conditions and specifications issued. On this issue, it is to be noted that changes were indeed implemented but these occurred after tender award and were due to circumstances prevailing in the operating scenario. Such changes were in fact agreed to by Enemalta. . .*

*U dik kif sottomessa fit-23 ta' Awissu 2013 mill-Enemalta neta stqarret li: . . . kindly note that the changes were made to the method of delivery of the*

*product. These changes have been incorporated in the specification of the second tender GN/DPS/T/4006/PCi/2012 . . .*

*L-appellant ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Kummissarju li ma kien hemm kontradizzjoni ghalkemm jaqbel li tali tibdil sar wara li harget sejha ohra ghat-tenders izda dan ma jeskludix l-fatt li tali tibdil gie operattiv qabel ma harget sejha ghat-tenders u dan b'referenza ghat-tender GN/DPS/T/4003PC23/2011 – Negotiated Procedure for the supply and Delivery of Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – Closing date 22 Decembr 2011 rigward it-talba numru 2.5 cioe Request for Technical Information Grids and/or other documents accompanying the Evaluation reports l-appellanti ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Kummissarju stante li huwa qed jitlob d-dokumenti annessi mar-rapport tal-Evaluation Commission bhat-technical evalution grip stante li dawn jaghmlu parti integrali mill-Evaluation report u l-Enemalta provdietu biss bir-rapport tal-Evaluation Committee minghajr ir-rapporti annessi.*

*Ra r-risposta tal-Kummissarju appellant li permezz taghha huwa talab li d-decizjoni tieghu tigi konfermata u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. li l-artiklu 32 tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta mhux l-eccezzjoni ghar-regola u ma ghandux jigi nterpretat ristrettivament.*
*2. Li huwa bbaza d-decizjoni tieghu fuq l-artikoli 5 (3) (b), 31 (2) u 32 (1) tal-Att liema provvedimenti tal-ligi jiggustifikaw d-decizjoni tal-Enemalta li tirrifjuta li taghti tali informazzjoni dwar 'the name of the supplier or*

*the method of delivery' u li huwa b'ebda mod fid-decizjoni tieghu ma qal dan.*

*3. Li huwa qatt ma tenna li dokumenti kunfidenzjali huma ezenti mill-artikolu 32 izda li huma regolati bil-ligi sussidjarja 174.04 u ghalhekk ezenti bl-artikolu 5 (3) (b) tal-Att.*

*4. Li mhux minnu li l-Kummissarju qed jinterpreta l-Kap 496 inkorrettement stante li l-artiklu 5 (3) (b) tal-Att jispecifika li l-att ma japplikax ghal dokumenti li ghandhom "information the disclosure of which is prohibited by any other law." F'dan il-kaz l-artiklu 4 (4) tal-Public Procurement Regulations jipprojbixxu li l-awtoritajiet li jkunu qed jikkontrattaw billi jaghtu nformazzjoni kunfidenzjali li jkunu gew provduti minn min applika ghat-tender meta "such information includes in particular, technical or trade secrets and the confidential aspects of tenders."*

*5. Rigward it-talba sabiex jigu provduti l-financial statements il-Kummissarju jikkontendi li din kienet rekwizit fis-sejha tat-Tenders u kieku ma gewx sottomessi l-Evaluation Committee ma kienx jaccetta t-tender.*

*6. Li l-Kummissarju mexa skont il-ligi meta ai termini tal-artikolu 8 tal-Att l-Enemalta baghtet partijiet mill-informazzjoni mitlub lid-Dipartiment tal-Kuntratti bhala l-awtorita' pubblika li zzomm tali nformazzjoni.*

*7. Li l-Kummissarju ma sab ebda kontradizzjoni dwar id-dettalji ta' x'gie negozjat bejn l-Contracting authority u min rebah it-tender;*

*8. Li dwar it-talba tal-appellanti biex ikollu access ghal zewg evalution reports ai termini tal-artikolu 13 tal-Att, l-awtorita' pubblika provdiet l-appellant b'estratt mill-Evaluation Report fuq it-tieni tender stante li "the*

*first tender has been cancelled by the Contracts Department due to an administrative non-compliance issue." U li ghalhekk l-appellant ghandu jaghmel talba gdida stante li t-talba li qed jaghmel ghal 'technical evalution grids' hija talba differenti minn dak li huwa originarjament talab. . . . .'*

Fid-decizjoni tieghu it-Tribunal dahal fil-kwistjoni dwar jekk l-Enemalta hijiex awtorita' pubblika u jsostni ''F'dan il-kaz ma hemm ebda kwistjoni li l-Enemalta ma hix awtorita' pubblika', il-kriterji applikabbli f'kazijiet ta' 'public procurement' u skont hu x'jikkostitwixxi 'Trade Secret'. Konsegwentement ghadda sabiex janalizza u jiddeciedi l-erba' rikjesti b'mod separati kif isegwi:

*'Request A*

*The name of the foreign manufacturing company/companies indicated by UNEC in this offer.*

*The product/s and/or product/s specifications/quality data sheets offered by the chosen bidder and the description of ligstics to be used for delivery in terms of Clause 2.2 (p.52 of tender docuemtns and Cluases 16.1 (b) (ii); Clause 16.1 d (ii); Clause 16.1 € (p 11 of tender documents)*

*The submitted "list of principal deliveries of sodium bicarbonate effected furing the last 5 years as per Clause 16.1 (d) (i) (p.11 of tender documents).*

*Il-Kummissarju cahad dawn it-tlett talbiet a bazi tal-artikolu 5 (3) tal-Att u r-regolament numru 31 (2) tal-Public Procurmenet Regulations*

*minhabba n-natura kunfidenzjali taghhom u li tali informazzjoni tammonta ghal trade secret.*

*Kif gia inghad il-principju stabbilit fl-Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni Kap 496 ghandu numru ta' eccezzjonijiet li jaghtu ragun lil Kummissarju jichad li tinghata certu informazjoni fosthom l-artikolu 5 (3) tal-Att.*

*L-istess d-direttivi tal-Unjoni Ewropeja dwar il-Procurement: cioe – Directive 93/36 (1993) O.J. L 199; Directive 93/37 (1993) O.J.L 199; Directive 93/98 (1993) o.j 1199; and Directive 92/50 (1992) O.J. L209. Kif dejjem gie ritenut: "The Directive contain two possibile sources of obligations not to disclose public procurement information. The first is the provision relating to the withholding of sensitive information which is to be found in the measures regarding both debriefing and the publication of contract award notices. Here the Directive gives the contracting authority the discretion to withhold such information.*

*The other possible source of a community obligation not to disclose is to be found in the confidentiality provisions of the Directives. Art 15.3 Directive 93/36; art 18.2. Directive 93/7, art 28.6 Directie 93/8 amd Art 23.2 Directive 92/50 each contain a provision allowing Member States to authorise the submissions of tenders by means other than in writing so long as it is "possible to ensure . . . that the confidentiality of tenders is maintained pending their evaluation." In addition Directive 93/36 (but not the other Directives) requires contracting authorities to "respect fully*

*the confidential nature of any information furnished by the suppliers". (art 15.2).*

*Rigward l-artikolu 31 (1) (2) tal-Kap. 496 li jistabbilixxi li: "Dokument hu dokument ezentat jekk l-izvelar tieghu taht dan l-att jaghti lok ghall-azzjoni minn persuna (minbarra awtorita' pubblika) ghal ksur ta' konfidenzjalita'. U fid-dawl tal-artikolu 15.2 tad-Direttiva e 93/36 dan l-artiklu ma jippermettix zvelar ta' informazzjoni meta t-tender ikun ghadu fl-istadju meta r-rebbieh ma giex ghadu ppublikat salv dejjem li tali nformazzjoni tigi pruvata li hija kunfidenzjali. . .*

*F'dan il-kaz l-informazzjoni mitluba hija dwar bidder li nghata t-tender cioe' UNEC. L-artikolu 2 tal-Kap 496 jiddefinixxi dokument bhala mizuma minn awtorita' pubblika u li fuqu hija registrazzjoni nformazzjoni moghtija u dokument ezentat bhala dokument li mhux suggett ghall-izvelar skont it-Taqsima V u VI tal-Att.*

*Ir-Regolamenti dwar il-Public Procurement jew l-ghoti tat-tenders ukoll jiffurmaw parti minn dan il-process stante li t-tender inghata mid-Direttur tal-Kuntratti u dan it-Tribunal diga' ghamel referenza fejn u sa fejn japplikaw dawn ir-regolamenti u l-Kap 496 u li minnhom huwa determinat il-fatt li nformazzjoni li hija kunfidenzjali min-natura taghha jew li tista' tippregudika l-interess kummercjali biss tista' ma tigix rilaxxata. Izda jinghad ukoll li meta t-tender jigi moghti min rebah it-tender jitlef il-kunfidenzjalita' tal-informazzjoni moghtija dwar l-prezz u t-tip ta' kwantita' ta' oggetti suppliti suggett ghal xi eccezzjonijjiet izda nformazzjoni ohra tibqa' kunfidenzjali.*

*It-talbiet 1, 2, 3 f'Request A tal-appellanti ma jirrigwardawx la l-prezz u lanqas it-tip ta' kwantita' ta' oggetti suppliti u ghalhekk dan it-Tribunal jikkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju fir-rigward u jichad dan l-aggravju.*

*Rigward it-talba numru 4 Request A, ghall-kopja tal-audited accounts ta' UNEC ghal dawn l-ahhar tliet snin qabel ma ghalaq it-tender u l-minimum credit facility submitted mal-offerta, wiehed irid jara kif saret it-talba mill-appellanti stante li fl-appell tieghu l-appellanti jikkontendi f'pagna 6 tal-appell tieghu li huwa mhux x'fihom l-audited accounts ried izda jekk l-audited accounts gewx sottomessi mal-bidu 'f'liema forma jekk hux audited jew f'forma ta' management accounts.*

*Fit-talba tieghu jirrizulta li l-appellanti talab l-audited accounts u l-minimum credit facility submitted with the offer biss u mhux kif qed jissottometti f'dan l-appell; minbarra li huwa seta' dejjem appella meta hareg ir-rizultat tat-tender jekk kellu xi dubju li min rebah it-tender ma kienx in regola, issa f'dan l-istadju ma jistax jitlob oltre minn dak li talab fit-talba li ghamel originarjament lill-Kummissarju. Li ghalhekk it-tribunal jilqa' d-decizjoni tal-Kummissarju u jichad dan l-aggravju ghar-ragunjijiet moghtija ghar-rigward l-accounts.*

*Dwar informazzjoni dwar minimum credit facility li saret fit-tender minn UNEC, dan it-Tribunal ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Kummissarju kemm-il darba din il-minimum credit facility kienet kondizzjoni sine qua non ghall-ghoti tat-tender u ghalhekk ghandha tinghata lill-appellanti u t-*

*Tribunal jilqa' dan l-aggravju tal-appellanti u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju fir-rigward.*

*Rigward talbiet 5, 6 u 7 ta' Request A, jidher li din l-informazzjoni kienet tinstab ghand id-Direttur tal-Kuntratti u qed tigi provduta lilu kif jikkonferma l-istess appellant fl-appell tieghu. Ghalhekk it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni fir-rigward.*

*Request B*

*Re domanda 1 – The name of the foreign manufacturing company/companies indicated by UNEC in its offer. Dan it-Tribunal ma jqisx li din l-informazzjoni taqa' taht trade secret jew hija ta' natura kunfidenzjali stante li l-kumpaniji ta' barra ndikati jaghmlu parti minn UNEC li rebhet it-tender u ma hemm xejn kunfidenzjali fir-rigward. Li ghalhekk din it-talba ghandha tigi milqugha.*

*Re domanda 2 – the product/s and/or product/s specifications/quality data sheets offered by the chosen bidder and the description of logistics to be used for delivery in terms of Clause 2.2. (p 52 of tender documents) and Clauses 16.1 (n) (iii); Clause 16.1 (d) (ii); Clause 16.1. (e) (p.11 of tender documents).*

*F'dan ir-rigward dan it-Tribunal iqis li ghar-rigward the product/s and/or product/s specifications/quality data sheets offered by the chosen bidder ma hemm xejn li jipprekludi lill-Enemalta milli taghti tali nformazzjoni u ghalhekk l-appellanti ghandu jinghata tali nformazzjoni izda mhux l-istess*

*jista' jinghad ghal the description of logistics to be used for delivery . . . stante li din tammonta ghall-informazzjoni kunfidenzjali.*

*Re domanda 3: the submitted "list of principal deliveries of sodium Bicarbonate effected during the last 5 years "as per Clause 16.1 (d) (i) (p11of tender documents).*

*Dan it-Tribunal ghar-rigward din id-domanda jaqbel ma' dak sottomess mill-Kummissarju u l-Enemalta u ghalhekk tali nformazzjoni hija kunfidenzjali u tammonta ghal trade secret u ghalhekk ma ghandhiex tinghata lill-appellanti.*

*Re domanda 4 – l-appellanti talab l-audited accoutns tal-ahhar tliet snin ta' UNEC qabel id-data tal-gheluq tat-tender u dan it-Tribunal jaqbel mad-decizjoni tal-Kummissarju li tali nformazzjoni seta' facilment igibha mir-Registru tal-Kumpaniji izda lanqas ma hemm xejn hazin u rregolari li l-appellanti jinghata kopja taghhom. Li ghalhekk dan it-Tribunal jordna li kopja ta' dawn l-audited accounts tal-ahhar tliet snin ta' UNEC qabel ma ghalaq it-tender tinghata lill-appellanti.*

*Rigward l-minimum credit facility li ssottomettiet UNEC, dan it-Tribunal ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Kummissarju li din hija trade secret jew informazzjoni kunfidenzjali stante li kif diga' gie sottolineat ladarba dan it-tender intrebah minn UNEC tali iformazzjoni saret pubblika aktar u aktar meta hija kondizzjoni ghall-ghoti tat-tender. Li ghalhekk tali nformazzjoni ghandha tinghata lill-appellanti.*

*Rigward domandi 5 u 6 – tali nformazzjoni tista' tigi pprovduta mid-direttur tal-Kuntratti izda kif jirrimarka l-Kummissarju a fol. 13 tar-risposta tieghu, d-dipartiment baqa' ma ghamel xejn fir-rigward fit-terminu mpost lilu skont il-ligi. Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell tal-appellanti f'dan ir-rigward u jordna lid-Direttur tal-Kuntratti jaghti l-informazzjoni rikjesta fid-domandi 5 u 6 u fin-nuqqas il-Kummissarju ghandu jiehu l-passi li taghtih il-ligi kontra l-istess Direttur tal-Kuntratti.*

<u>*Request C*</u>

*F'din it-talba l-Appellanti qed jitlob l-Evaluation Report wara li l-Envelope numru 2 dwar technical submission infetah u l-EMC rrakomandat lid-Direttur tal-Kuntratt sabiex it-tender jigi kancellat u tinhareg sejha gdida.*

*Il-Kummissarju jikkontendi li tali tender kien gie kancellat u ghalhekk l-appellanti ma ghandux jinghata kopja ta' dan ir-rapport.*

*Dan it-Tribunal, jaqbel mad-decizjoni tal-Kummissarju u tal-Enemalta u tenut kont ukoll li kemm-il darba huwa kien wiehed milli tefa' l-offerta tieghu cioe' l-kumpanija tieghu tali kumpanija dejjem setghet tappella minn din id-decizjoni malli tefa' l-offerta tieghu haga li mill-atti ma jirrizultax.*

*Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.*

*Request D.*

*L-appellanti qed jitlob li jinghata kopja tal-evalutaion report tal-EMC. Il-Kummissarju u l-Enemalta jikkontendu li t-talba saret ghall-evlatuion report u mhux ukoll ghat-technical specifications. L-appellanti jikkontendi li l-evalutation report jekk jinkludi techinial specifiations huwa rapport wiehed u li f'dan l-istadju qed jiccara li r-rapport ghandu jinkludi technical specifications hija talba gdida mhi talba gdida xejn stante li l-annexes mal-evaluation report huma parti ntegrali tal-istess rapport.*

*Dan it-Tribunal jaqbel mal-appellanti li l-evaluation report jekk kien jinkludi annexes dawn jaghmlu parti ntegrali minnu u ma kellux ghalfejn l-appellanti fit-talba tieghu jispecifika li jrid ir-rapport flimkien mal-annexes annessi mieghu. Izda ma jaqbilx mal-appellanti meta jghid li huwa ghandu dritt ghat-techincial specifications sottomessi stante li dawn jammontaw ghall-informazzjoni kunfidenzjali u ghal trade secret u ezenti kemm taht il-Kap. 496 u r-regolamenti dwar il-public procurement. Ghaldqstant dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell tal-appellanti f'dan ir-rigward u jordna li kopja tal-evaluation report maghmul mill-EMC minghajr t-technical specifications tinghata lill-appellanti. . . .'*

Konsegwentement it-Tribunal ghadda ghad-decizjoni hawn fuq riportata.

4) Illi l-Enemalta plc. fl-appell taghha bin-numru 60/18 deciz kontestwalment ressqet tmien aggravji fil-konfront tad-decizjoni appellata filwaqt li Roberto Ragonesi fl-appell odjern kontra l-istess

decizjoni ressaq tliet aggravji. Stante li z-zewg appelli ghalkemm intavolati separatament jikkoncernaw il-validita o meno tal-istess decizjoni tat-Tribunal appellata din il-Qorti bilfors trid tqis l-aggravji kollha kemm fil-kuntest tal-appell odjern 65/18 kif ukoll fil-kuntest tal-appell l-iehor 60/18.

Appell 60/18:

5. Illi l-ewwel aggravju tal-Enemalta plc. jikkontesta dik il-parti tad-decizjoni fejn it-Tribunal iddikjara li fir-rigward it-talba numru 4 Request A, ghall-kopja tal-'audited accounts' ta' UNEC ghal dawn l-ahhar tliet snin qabel ma ghalaq it-'tender' u l-'minimum credit facility', dawn ghandhom jinghataw lill-appellant Roberto Ragonesi. L-aggravju tal-Enemalta plc. huwa fis-sens illi filwaqt li fil-kunsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal iddikjara li 'jilqa' d-decizjoni tal-Kummissarju u jichad dan l-aggravju ghar-ragunijiet moghtija' filwaqt li min-naha l-ohra b'inkonsistenza assoluta fid-decide ordna taht din is-sezzjoni A li jinghataw.

Illi l-Qorti wara li rat il-kontenut kollu tad-decizjoni tat-Tribunal appellata tqis li l-kontradizzjoni verament hija wahda palasi u nspjegabbli stante li filwaqt li fil-konsiderazzjonjiet tieghu t-Tribunal ta r-ragunijiet tieghu ghalfejn dawn iz-zewg talbiet ma kellhomx jigu milqugha u cioe' li mhux dik kienet it-talba originali ta' Roberto Ragonesi u li ghalhekk it-talba kellha tigi michuda, huwa car li fid-decide t-Tribunal ikkommetta zball fejn f'dak l-

istadju ordna li dawn jinghataw (dejjem taht dik imsejha 'Request A').

Illi huwa car mill-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li taht 'Request A' it-talba ghall-'audited accounts' u l-'minimum credit facilities' kellha tigi michuda u mhux milqugha w'ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tilqa' dan l-aggravju tal-Enemalta plc fl-appell 60/18.

Dan apparti li l-appellant Roberto Ragonesi quddiem it-Tribunal kien iccara li hu proprjament ried jivverifika li gew sottomessi l-'accounts' u l-'minimum credit facilities' stante li kienu rekwizit tat-'tender' w'ghalhekk il-kontenut tal-istess ma kienx qed jigi mitlub minnu. Dwar dan il-kwezit il-Kummissarju appellat kien gia ta risposta fil-pozittiv fis-sens illi kieku dawn ma gewx sottomessi allura t-*tender* ma kienx jigi accettat. Dan kollu aktar isahhah il-pozizzjoni ta' din il-Qorti li l-kontenut per se tal-'accounts' u tal-'minimum credit facilities' qatt ma gew mitluba u li ma ghandhomx jinghataw lill-appellant almenu mhux mill-appellati fl-ambitu ta' dawn il-proceduri.

Illi l-hames aggravju tal-Enemalta plc. jallacja ma' dan l-aggravju stante li jikkoncerna talba simili ghall-'audited accounts' taht 'Request B' li skont il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal taht 'Request A' it-talba ma kellhiex tigi milqugha. Il-Qorti rat illi t-talbiet originali ta' Roberto Ragonesi taht 'Request A' u 'Request B' huma jdentici. In vista tal-fatt li din il-Qorti gia laqghet l-ewwel aggravju

tal-Enemalta plc. u in vista tar-ragunament tat-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tieghu taht 'Request A' u dak suespost din il-Qorti ser tghaddi wkoll sabiex tilqa' l-hames aggravju fl-appell 60/18.

Illi l-istess argument mqajjem taht l-ewwel u l-hames aggravju japplika ghas-sitt aggravju mqajjem mill-Enemalta plc. fir-rigward tat-talba ghall-'minimum credit facility submitted with the offer' w'ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi wkoll sabiex tilqa' s-sitt aggravju.

6. Illi t-tieni aggravju tal-Enemalta plc. wkoll jallega inkonsistenza ohra fid-decizjoni appellata. Fil-fatt l-Enemalta taghmel referenza ghal dik il-parti tad-decizjoni taht il-konsiderazzjonijiet ta 'Request A' talbiet 5, 6 u 7 fejn it-Tribunal iddecieda li 'jastjeni milli jiehu konjizzjoni fir-rigward.' B'kontradizzjoni assoluta izda fid-*decide* wkoll taht 'Request A' it-Tribunal mar lura mill-astensjoni tieghu stess u ordna l-Enemalta plc. sabiex tipprovdi din l-informazzjoni. Din il-Qorti taqbel mal-aggravju tal-Enemalta plc. li la darba t-Tribunal kien astjena milli jiehu konjizzjoni ma setax imur lura u jordna li din l-informazzjoni tigi provduta. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex ukoll tilqa' t-tieni aggravju tal-Enemalta plc. fl-atti tal-appell 60/18.

Illi s-seba' aggravju tal-Enemalta plc. huwa jdentiku ghat-tieni wiehed ghajr li jirreferi ghall-istess kontradizzjoni/inkonsistenza tat-Tribunal riskontrata taht ir-'Request B' fejn l-ewwel it-Tribunal

astjena u fid-decide ordna li din l-informazzjoni tinghata. Ghall-istess ragunijiet suesposti taht it-tieni aggravju din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' wkoll is-seba' aggravju tal-Enemalta plc. fl-appell 60/18.

7. Illi t-tielet aggravju tal-Enemalta plc. jikkoncerna d-decizjoni tat-Tribunal taht 'Request B' li l-Enemalta plc. tigi ordnata li taghti 'The name of the foreign manufacturing company/companies indicated By UNEC in its offer' u cioe' min qed jissuplixxi l-materjal lil UNEC. L-Enemalta ssostni li mhux minnu dak dikjarat mit-Tribunal li dawn il-kumpaniji jaghmlu parti minn UNEC li rebhet it-*tender* u ghalhekk ma taqbilx li ma hemm xejn kunfidenzjali fir-rigward. L-Enemalta temfasizza li dawn il-kumpaniji ma humiex parti minn UNEC u minn imkien ma jirrizulta mod iehor fl-atti. Tinsisti li l-provdituri tal-materjali huma element ewlieni tal-kompetittivita' ta' entita' u jekk jigi svelat min qed jissuplixxi l-materjal bi prezz vantaggjuz allura tintilef il-kompetittivita' tal-UNEC u ghalhekk ghandha tigi kunsidrata bhala nformazzjoni kunfidenzjali.

L-Enemalta plc. izzid tghid li in linja mar-ragunament tal-istess tribunal fid-decizjoni appellata la darba huwa t-tender rebbieh li jiftlef il-kunfidenzjalita' tal-informazzjoni (limitatament izda ghal dak li hu l-prezz u t-tip ta' kwantita' ta' oggetti suppliti) *a contrario senso* allura l-bqija tal-informazzjoni tibqa' kunfidenzjali. L-appellant odjern Roberto Ragonesi jissottometti li l-eccezzjonijiet ghall-ghoti ta' informazzjoni ghandhom jinghataw interpetazzjoni

stretta u li l-Enemalta plc. ma ghandhiex tuza dawn l-eccezzjonijiet b'mod abbuziv sabiex izomm informazzjoni mill-pubbliku.

Illi din il-Qorti gharblet il-provi kollha fl-atti kif ukoll is-sottomissjonijiet u taqbel mal-Enemalta plc. li minn mkien ma jirrizulta li l-provdituri tal-materjal lil UNEC jiffurmaw parti mill-istess. Anzi zzid illi kieku dawn il-provdituri bir-ragunament tat-Tribunal kienu parti minn UNEC allura l-isem taghhom kien jidher kjarament fit-*tender* minghajr il-bzonn li wiehed jitlob li jinghata l-elenku tal-istess stante li tali nformazzjoni tkun saret ta' dominju pubbliku. Il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-Enemalta plc. appellanti li l-izvelar ta' dawn l-ismijiet jippregudika l-kompettitivita' tas-socjeta' rebbieha tat-'tender' u huwa car li tali rikjesta minn Roberto Ragonesi saret sabiex jipprova jiehu vantagg minn din l-informazzjoni. Il-Qorti tqis din l-informazzjoni bhala kummercjalment sensittiva w'ghaldaqstant ma hemmx obbligu li din tinghata b'dana li ser tghaddi wkoll sabiex tilqa' t-tielet aggravju tal-Enemalta plc. fl-appell 60/18.

8. Illi r-raba' aggravju tal-Enemalta plc. appellanti jirrigwarda d-decizjoni taht ir-'Request B' fejn jinghad illi t-Tribunal iqis li ghar-rigward 'the product/s and/or product/s specifications/quality date . . . sheets offered by the chosen bidder' ma hemm xejn li jipprekludi lill-Enemalta milli taghti tali nformazzjoni u ghalhekk l-appellanti ghandu jinghata tali nformazzjoni.

L-Enemalta ssostni fl-aggravju taghha illi l-ispecifikazzjonijiet kwalitattivi tal-prodott tal-UNEC ghandhom ukoll ikunu kkunsidrati bhala kunfidenzjali u dan stante li minnhom wiehed jista' jasal biex jiskopri minn fejn qed jinxtara l-prodott u dan jaghti vantagg lill-kompetituri bhalma huwa l-istess Roberto Ragonesi appellant odjern. L-Enemalta zzid tghid li fl-istess decizjoni t-Tribunal wera nuqqas ta' konsistenza dwar dan il-punt stante li ddecieda mod iehor ghal dak li huma 'technical specifications' li t-Tribunal stess iddikjara li jammontaw ghall-informazzjoni kunfidenzjali u ghal 'trade secret' w'ghalhekk ezenti taht il-Kap. 496 u r-regolamenti dwar il-'public procurement'.

Illi f'dan l-aggravju l-Enemalta qed issostni li xejn ma jiggustifika d-distinzjoni li ghamel it-Tribunal bejn specifikazzjonijiet (dawk kwalitattivi) u specifikazzjonijiet ohra (dawk teknici) fejn iddecieda li dawn tal-ahhar jikkwalifikaw bhala nformazzjoni kunfidenzjali filwaqt li l-ohrajn m'humiex. Din il-Qorti taqbel mal-ilment tal-Enemalta plc. stante l-ispecifikazzjoni ta' kwalita' tista' verament u facilment twassal lill-kompetitur ghall-fornitur tal-kumpanija daqs kemm dan jista' jsir jekk jinghataw specifikazzjonijiet teknici. Il-Qorti tqis li f'dan il-kuntest it-theddida ghall-kompettitivita' tal-kumpanija rebbieha, jekk tinghata din l-informazzjoni, ghandha tipprevali fuq id-dritt ghall-informazzjoni kif appuntu kien gia ddecieda l-Kummissarju appellat w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' wkoll dan l-aggravju fl-atti tal-appell 60/18.

9. Illi t-tmien aggravju tal-Enemalta plc. huwa kontra dik il-parti tad-decizjoni fejn taht 'Request D' it-Tribunal ordna li ghandha tinghata kopja tal-'evaluation report' izda minghajr informazzjoni dwar 'technical specifications'.

L-Enemalta ssostni li stante li l-'evaluation report' jista' jkun fih informazzjoni kunfidenzjali tal-UNEC allura, jekk ghandha tinghata din l-ordni, l-verzjoni tar-rapport li ghandu jinghata lill-appellat Ragonesi ghandha tkun biss verzjoni mhux kunfidenzjali. Dan dejjem jekk jigi deciz li din l-informazzjoni ghandha tinghata.

Jirrizulta lil din il-Qorti li sabiex it-Tribunal jiggustifika d-decizjoni tieghu dwar dan il-punt huwa ghamel referenza ghal dak deciz mill-Information Tribunal tar-Renju Unit u cioe':

' . . . information contained in a contract between a public authority and a third party represents the conclusion of negotiations between the two parties and as such is jointly created rather than being obtained by the public authority from the contractor and is not confidential information. Nevertheless depending on the cirumstances of the case there can be elements of a contract or agreement for example technical information set out in a schedule as well as records of pre-contractual negotiation which the public authority has obtained from the third party and so may qualify as confidential information.'

Illi l-Qorti rat li r-rikjesta specifika ta' Roberto Ragonesi appellant odjern dwar dan il-punt kienet taqra kif isegwi:

'EMC's evalution report, after Envelope No 2 (Technical submissions) was opened, wherein they recommended to the Contracts Department that UNEC was fully compliant and the Envelope No. 3 (prices) of UNEC should be opened.'

Illi r-ragunijiet ghar-rifjut tal-Enemalta plc. li taghti din l-informazzjoni kienu, fost ohrajn, illi l-ghoti ta' din l-informazzjoni twassal sabiex tinkixef informazzjoni kummercjalment sensittiva (trade secrets) jew informazzjoni ta' valur kummercjali u d-divulgar taghha tkun ta' pregudizzju ghal min ikun issottomettiha f'dan il-kaz UNEC.

Illi min-natura tieghu 'evaluation report' jidhol fid-dettal tat-'tender' inkluz l-informazzjoni kummercjalment sensittiva moghtija fl-ispecifikazzjonijiet annessi mal-istess. Din il-Qorti tikkonferma, kif fuq kollox ikkwotat mill-istess Tribunal, illi huwa l-kuntratt bejn il-partijiet li jitlef il-kunfidenzjalita' u mhux neccessarjament l-ispecifikazzjonijiet u nformazzjoni annessa mal-istess. Il-Qorti ssibha wkoll difficli biex tifhem kif it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li ghandu jinghata kopja tal-'evaluation report' minghajr ma' l-ewwel gharbel kif seta' jigi evitat li nformazzjoni kummercjalment sensittiva u 'trade secrets' li jinsabu msemmija fl-istess rapport bhala parti mill-'evaluation' ma jigux noti lit-terzi kompetituri. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li la darba l-'evaluation

report' imsemmi ma jikwalifikax bhala l-ftehim finali redatt bejn il-partijiet u li huwa dan ta' l-ahhar li jitlef il-kunfidenzjalita' f'partijiet biss minnu, wkoll minhabba l-bizgha reali li tinkixef informazzjoni kummercjalment sensittiva, hija ghandha tilqa' wkoll dan l-aggravju fl-atti tal-appell 60/18 u tikkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju appellat.

65/18:

10. Illi da parti tieghu l-appellant odjern Roberto Ragonesi fl-appell in ezami ressaq tliet aggravji.

11. Illi l-ewwel aggravju jsostni li d-decizjoni tat-Tribunal fir-rigward tat-talbiet maghmula mill-appellant ai termini ta' 'Request A 1' u 'A 2' hija manifestament kontradittorja. Appuntu l-appellant iqajjem dan il-kunflitt stante d-decizjoni diversa dwar l-istess dokumenti taht 'Request B' dan b'referenza ghat-talba sabiex jinghataw:

'(i) The name of the foreign manufacturing company/companies indicated by UNEC in its offer'
u
(ii) The product/s and/or product/s specifications/quality data sheets offered by the chosen bidder and the description of logistics to be used for delivery in terms of Clause 2.2. . . . .'

L-appellant isostni li dak li wassal lit-tribunal sabiex jilqa' t-talba tal-appellant taht 'Request B' kellu jwassal ukoll lit-Tribunal sabiex jilqa' t-talba taht 'Request A'.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-argumentazzjoni mqajjma minnha taht l-aggravji tal-Enemalta plc. partikolarment taht it-tielet u r-raba' aggravju tal-Enemalta plc. fejn din il-Qorti gia waslet ghad-decizjoni li dik il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal ghandha tigi revokata appuntu stante li tikkontradixxi r-r-ragunament tal-istess Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tieghu. Stante li din il-Qorti qablet mar-ragunament tat-Tribunal taht ir-'Request A' u stante li din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-ewwel u t-tieni domanda taht 'Request B' ghar-ragunijiet kif suesposti, il-Qorti ma tqisx li dan l-ewwel aggravju tal-appellant huwa gjustifikat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

12. Illi t-tieni aggravju ta' l-appellant jikkonsisti li safejn ic-cahdiet tat-Tribunal huma msejsa fuq l-artikolu 32 tal-Kap. 496 (Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni) u cioe' minhabba li n-natura tal-informazzjoni mitluba hija 'kunfidenzjali', it-talbiet tal-appellant kellhom jintlaqghu u dan ghaliex l-ezenzjonijiet taht l-artikolu 32 ghandhom jigu nterpretati b'mod restrittiv. Dan l-aggravju huwa dirett lejn dawk il-partijiet tad-decizjoni tat-Tribunal illi l-istess Tribunal cahad li tinghata l-informazzjoni mitluba mill-appellant Ragonesi b'dana li kkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju u cioe' it-talbiet 1, 2 u 3 taht 'Request A', talba 3 taht 'Request B' u parti minn 'Request D' ghal dak li huma t-'technical specifications'.

Illi fir-rigward tat-talbiet michuda taht 'Request A' ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-appellant, ma jirrizultax lil din il-Qorti li t-Tribunal ta' x'interpetazzjoni wiesgha u mhux f'lokha lill-artikolu 32 tal-Kap. 496 anzi qabel ma wasal sa dak il-punt it-Tribunal dahal f'analizi dettaljata tad-Direttivi Ewropej applikabbli u dahal f'analizi tar-Regolamenti dwar il-Public Procurement jew l-ghoti tat-'tenders' tant li ddikjara illi ai termini tal-Kap. 496:

*'meta tender jigi moghti min rebah it-tender jitlef il-kunfidenzjalita' tal-informazzjoni moghtija dwar l-prezz u t-tip ta' kwantita' ta' oggetti suppliti suggett ghal xi eccezzjoni **<u>izda informazzjoni ohra tibqa' kunfidenzjali.</u>**'* (emfazi ta' din il-Qorti)

Illi jirrizulta li din il-Qorti li originarjament il-Kummissarju appellat cahad l-ewwel tliet talbiet taht 'Request A' abbazi tal-artikoli 5 (3) (b), 31 (2) u 32 (1) tal-Kap. 496.

It-Tribunal fid-decizjoni tieghu qabel mal-konkluzjoni tal-Kummissarju wara li rrileva li dawn it-talbiet ma jirrigwardawx la l-prezz u lanqas it-tip ta' kwantita' ta' oggetti suppliti w'ghaldaqstant ma jikkwalifikawx ma' dik l-informazzjoni li tkun tilfet il-kunfidenzjalita' mar-rebh tat-'tender'.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet li waslu ghaliha kemm il-Kummissarju kif ukoll it-Tribunal fir-rigward ta' dawn it-tliet

talbiet taht 'Request A' w'ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad l-aggravju dwar din ir-rikjesta.

Illi dwar it-tielet talba taht 'Request B' u cioe 'the list of principal deliveries of sodium Bicarbonate effected during the last 5 years', it-Tribunal ddikjara li ghar-rigward ta' din id-domanda:

*'jaqbel ma' dak sottomess mill-Kummissarju u l-Enemalta u ghalhekk tali informazzjoni hija kunfidenzjali u tammonta ghal trade secret u ghalhekk ma ghandhiex tinghata lill-appellanti.'*

Illi l-Kummissarju appellat dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba taht 'Request B' wkoll ma laqax it-talba sabiex tinghata l-informazzjoni ghal ragunijiet ta' kunfidenzjalita' u li l-informazzjoni tikkwalifika bhala 'trade secrets' u li ghandha valur kummercjali u li l-izvelar tal-informazzjoni tista' taffettwa d-drittijiet kummercjali tal-offerent rebbieh.

Anki f'dan il-kaz din il-Qorti ma tqisx li kemm it-Tribunal kif ukoll il-Kummissarju taw x'interpretazzjoni wiesgha u legalment mhux accettabbli l-artikolu 32 tal-Kap 496 izda huwa evidenti li dak mitlub, sabiex jinghata, bilfors iwassal ghad-divulgar t' informazzjoni dwar l-operat tal-offerent anki ma' terzi liema nformazzjoni ghandha valur kummercjali li jekk moghti lil terzi jista' jnaqqas il-kompetittivita' tal-offerent. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi wkoll sabiex tichad dan l-aggravju dwar dan il-punt.

Illi l-appellant Ragonesi jilmenta wkoll taht dan l-aggravju dwar ir-rifjut tat-Tribunal ta' 'Request C' u parti minn 'Request D'.

'Request C' titlob il-'Period Contract for Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station' filwaqt li 'Request D' titlob 'Negotiated Procedure for the Supply & Delivery of Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station' liema talba gie specifikat li ghandha tinkludi 'technical specifications'.

Jirrizulta mill-atti li fir-rigward ta' 'Request C' kemm il-Kummissarju kif ukoll it-Tribunal cahdu t-talba abbazi li t-'tender' in kwistjoni kien gie kancellat. It-Tribunal zied li f'dak il-kaz l-appellant Ragonesi kellu kull jedd li jappella mid-decizjoni tal-kancellament la darba kien wiehed mill-offerenti izda dan ma kienx ghamlu. L-appellant Ragonesi (taht it-tielet aggravju tieghu li wkoll jikkoncerna din it-talba) jinsisti li dan il-kancellament m'ghandux jittiehed b'mod izolat izda kellu jittiehed kont tal-fatt li l-appellant Ragonesi qed jitlob informazzjoni dwar process shih u mhux biss 'tender' partikolari. Il-Qorti izda ma sabet xejn fl-atti li jissustanza din ir-rikjesta semplicement ghar-raguni moghtija mill-appellant Ragonesi. Xejn fil-ligi ma jivvalida r-rikjesta tal-appellant ghar-raguni moghtija minnu u cioe' li wara t-'tender' kancellata konsegwentement harget ohra. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tat-Tribunal u l-Kummissarju f'dan ir-rigward anki ghaliex la darba din kienet 'tender' li finalment giet ikkancellata, w'allura ma ntrebhitx, l-ebda informazzjoni kontenuta fiha ma

waslet sal-istadju li tilfet l-element tal-kunfidenzjalita' taghha w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll dan l-aggravju.

Illi dwar ir-'Request D' din il-Qorti fl-analizi taghha tal-aggravji tal-Enemalta plc. suesposti, gia waslet ghall-konkluzjoni li t-Tribunal kien skorrett meta ddecieda li jilqa' din it-talba *in parte* u jordna li tinghata l-informazzjoni mitluba cioe' kopja tal-'evaluation report' tal-EMC izda minghajr it-'technical specifications'. Abbazi tar-ragunament ta' din il-Qorti aktar 'il fuq, li l-Qorti qed taghmel taghha wkoll f'dan l-aggravju, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din il-parti tal-aggravju tal-appellant.

13. Illi t-tielet aggravju tal-appellant Ragonesi fl-appell 65/18 jaqra kif isegwi:

'B'rabta ma' Request C it-Tribunal kien zbaljat jghid illi ladarba s-sejha ghall-offerti kienet giet kancellata, l-appellant ma kellux l-interess rikjest li jitlob informazzjoni marbuta mat-Tender.'

Dwar dan l-aggravju din il-Qorti ma ghandhiex x'izzid oltre dak li gia nghad taht l-aggravju precedenti li wkoll dahal fuq dan il-punt, w'ghalhekk filwaqt li terga' taghmel taghha dak suespost ser tghaddi sabiex ukoll tichad dan it-tielet aggravju.

14. Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost jirrizulta li dwar id-decizjoni tat-Tribunal appellata datata 15 ta' Frar, 2018 din il-

Qorti permezz ta' din id-decizjoni u d-decizjoni fl-appell 60/18 ser tghaddi sabiex:

a) Tilqa' l-aggravji kollha tal-Enemalta plc. kontenuti fl-appell 60/18;
b) Tichad l-aggravji kollha tal-appellant Ragonesi f'dan l-appell;

b'dana li r-rizultat hu li t-talbiet kollha tal-appellant Ragonesi ghall-informazzjoni lill-Kummissarju u Enemalta appellati ser jigu michuda.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha sueposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tichad l-aggravji kollha mqajjma mill-appellant Roberto Ragonesi, konsegwentement qed tichad l-appell.**

**A skans ta' ekwivoci fir-rigward tad-decizjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data datata 15 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet premessi appellata tikkonferma dak deciz llum stess minn din il-Qorti fl-atti tal-appell 60/18 illi:**

**'thassar dawk il-partijiet tad-decizjoni fejn it-Tribunal laqa' t-talbiet 4, 5, 6 u 7 ta' 'Request A', u d-domandi 1, 2, 4, 5 u 6 ta'**

**'Request B' u r-'Request D' filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata fil-kumplament taghha.'**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Roberto Ragonesi.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**